# Il-Ħadd 03.01.2016

1. Illum 3/01, **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**:
   - Fis-7:00pm, fil-Museum tas-Subien, ser isir Mument ta' Talb u Ħin għall-Helpers tal-Parroċċa biex nuru l-Apprezzament lil xulxin tal-Ħidma li ssir b'risq il-Parroċċa.

2. It-Tlieta 5/01:
   - Fis-7:15pm tiltaqa' il-Kummissjoni Familja fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. Il-Ħamis 7/01:
   - Terġa' tibda d-duttrina fil-ħinijiet u l-ġranet tas-soltu.

4. Il-Ġimgħa 8/01:-
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

5. Is-Sibt 9/01:-
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fis-6:00pm, quddiesa u ftuħ tat-Tielet Bieb tal-Ħniena fid-djoċesi ta' Malta, dak tal-Oratorju tal-Kurċifiss anness mal-Bażilika ta' Marija Bambina tal-Isla. Kulħadd mistieden.

6. Il-Ħadd 10/01, **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**.

7. Avviżi oħra:
   - Nirringrazzjaw lill-ħwienet u lil dawk kollha li matul Diċembru taw xi affarijiet tal-ikel f'inizjattiva ta' karità marbuta mal-Ġublew tal-Ħniena, biex ngħinu lill-persuni fil-bżonn u hekk nitimgħu lil min hu bil-ġuħ. Imlejna madwar 8 kaxxi mdaqqsin.
   - F'isem id-Direttur u l-Istaff tad-Dar tal-Provvidenza nirringrazzjawkom tal-għotja sabiħa li għamilna bħala parroċċa li kienet € 625. Dan kollu minn ġabra waħda u diversi donazzjonijiet li baqgħu deħlin nhar l-ewwel tas-sena. Grazzi u prosit.
   - Nerġa' nfakkar fl-envelopes bl-Istrina tagħkom b'risq il-manutensjoni tal-knisja u r-restawr tal-bankun u tan-niċċa ta' San Pawl. Grazzi.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 360 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-bankun u tan-niċċa ta' S. Pawl.
   Grazzi mill-qalb.

9. Nitolbu għal Margerit Callus li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...